

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Intejbu l-mekkaniżmu għall-protezzjoni ċivili tal-Komunità — Nirreaġixxu għal diżastri naturali

(2008/C 204/15)

Nhar il-25 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(a) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni addizzjonali dwar

*Intejbu l-mekkaniżmu għall-protezzjoni ċivili tal-Komunità — nirreaġixxu għal diżastri naturali*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-26 ta' Frar 2008. Ir-rapporteur kienet **is-Sinjura Sánchez Miguel**.

Matul l-443 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Marzu 2008 (seduta tat-13 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'108 voti favur u 2 astensjonijiet.

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE, bħala r-rappreżentant tas-soċjetà ċivili, jemmen li għandu jikkontribwixxi għad-dibattitu ta' l-UE dwar l-indirizzar tad-diżastri naturali, billi jieħu approċċ immirat lejn il-prevenzjoni, l-intervenzjoni u li l-partijiet jassumu r-responsabbiltà fil-każ ta' diżastri kkawżati minn atti jew nuqqasijiet tal-bniedem.

1.2 F'dan il-kuntest, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-legislażzjoni Ewropea attwali fiha dispożizzjonijiet biżżejjed għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis ta' l-effetti potenzjali ta' xi diżastri naturali. Għalhekk, ikun utli jekk l-awtoritajiet kompetenti jergħu jithegħgu biex jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' din il-legislażzjoni madwar l-UE. Il-KESE jemmen li l-implimentazzjoni tad-WFD u legislażzjoni relatata, b'mod partikulari d-Direttiva dwar l-Għargħar, għandha tnaqqas l-impatt ta' diżastri bħal dawn, li waqt li m'humiex inevitabbli, jistgħu jittaffu bis-saħħa ta' l-istabbiliment tal-pjanijiet dwar il-ġestjoni ta' l-għargħar inklużi fil-pjanijiet għal-baċiri tax-xmajjar. Legislażzjoni għall-prevenzjoni tan-nirien tal-foresti jista' jkollha effett simili.

1.3 Kwistjoni importanti hija l-konnessjoni bejn il-prevenzjoni tad-diżastri u t-taħriġ u l-edukazzjoni, u l-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema ta' informazzjoni xierqa, sabiex il-professjonisti u l-pubbliku jkunu konxji tal-metodi ta' rispons għal inċidenti li jistgħu jiġru f'żona partikulari. Il-KESE għalhekk jilqa' s-sistema ta' ċentri tat-taħriġ inter-reġjonali għall-protezzjoni ċivili stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea.

1.4 Fir-rigward tal-protezzjoni ċivili, il-KESE jixtieq jifraħ lill-Kummissjoni għat-twaqqif malajr ta' sistema Ewropea ta' solidarjetà li mhix biss inter-reġjonali iżda wkoll internazzjonali, u għandha r-riżorsi tagħha nnifisha li jippermettulha taġixxi b'mod effiċjenti kemm fir-rispons għad-diżastri kif ukoll fir-riabilitazzjoni ta' żoni affettwati. L-Artikolu 176 C ġdid tat-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ l-oġġettivi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill kienu stipolaw f'dan ir-rigward.

1.5 Fl-aħħar nett, il-KESE jemmen li s-sistema ta' responsabbiltà ambjentali għandha tiġi applikata kif inhi stipulata fid-Direttiva dwar ir-responsabbiltà ambjentali fir-rigward tal-pre-

venzjoni u r-rimedju ta' ħsara ambjentali, sabiex ikun stabbilit b'mod ċar ir-responsabbiltà ta' min hu ħati ta' ċerti diżastri, bħal nirien li jitqabdu b'mod intenzjonali. Il-KESE jaħseb li implimentazzjoni aħjar tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u informazzjoni dwar il-konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità mal-legislażzjoni preventiva jew ta' atti li jagħmlu ħsara kemm miċ-ċittadini kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jgħinu jtaffu l-effetti ta' diżastri naturali.

### 2. Daħla

2.1 Diżastri qed iseħħu b'rata dejjem iktar mgħagħġla, mhux biss fil-konfini ta' l-UE iżda madwar id-dinja; uħud minnhom huma kkawżati minn fenomeni naturali bħal għargħar, terremoti, nirien, eċċ. waqt li oħrajn huma r-riżultat ta' atti terroristiċi li jxerdu l-biża' fost iċ-ċittadini. F'kull każ, l-attività tal-bniedem hija, sa ċertu punt, responsabbli, kemm direttament kif ukoll indirettament, għalkemm wieħed ma jistax iqabbel il-livell ta' intenzjonalità bejniethom.

2.2 L-UE wiegħdet li tieħu azzjoni preventiva bħala rispons għall-bidla fil-klima, u mhux biss billi timplimenta l-impenji li saru fil-Protokoll ta' Kyoto, iżda wkoll permezz ta' għadd ta' deċizzjonijiet immirati lejn il-preservazzjoni ta' l-art, l-ilma u l-arja. Din l-inizjattiva hija mmirata lejn il-prevenzjoni; tista' tgħin mhux biss fiż-żamma u r-riġenerazzjoni ta' l-artijiet, l-ibħra u l-atmosfera tagħna, iżda wkoll sabiex jithegħġeg it-teħid ta' azzjoni f'pajjiżi oħrajn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed twettaq xogħol preparatorju fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' approċċ Ewropew integrat għall-prevenzjoni ta' diżastri naturali sa tmiem l-2008.

2.3 Barra minn dawn il-miżuri preventivi, l-UE waqqfet sistema Komunitarja għall-assistenza fil-każ li jseħħ diżastru fil-konfini tagħha. Hija sistema ta' għajjuna reċiproka intenzjonata mhux biss għall-pajjiżi ta' l-UE, fejn intużat kemm-il darba, iżda wkoll għal diżastri fl-Ocean Indjan, fl-Amerika t'Isfel, eċċ.

2.4 Huwa importanti li jiġu kkjarifikati l-komplementarjetajiet bejn interventi f'każ ta' diżastru u l-għajjuna

umanitarja. Ġeneralment, iż-żewġ strumenti għandhom l-istess objettiv ewlieni li jtaffu l-impatt fuq il-popolazzjoni ta' diżastri u ta' avvenimenti oħrajn. L-intervent fil-każ ta' diżastru hija l-kompetenza tal-protezzjoni ċivili, li tgħin ukoll biex tnaqqas mill-impatt li diżastri jkollhom fuq l-ambjent u fuq il-proprietà, kemm fl-UE kif ukoll lill hinn minnha, billi jsejħu għal riżorsi u timijiet mill-Istati Membri ta' l-UE. L-għajnuna umanitarja, min-naħa l-oħra, hija attiva f'pajjiżi terzi speċifiċi u tinvolvi l-NGOs u korpi umanitarji oħrajn. Iż-żewġ strumenti jikkooperaw ma' l-aġenziji tan-NU.

2.5 Wieħed għandu jinnotta li l-fond għad-diżastri li twaqqaf wara l-każ serju ta' għargħar fil-baċir ta' l-Elba għen sabiex jitejbu l-interventi ta' l-UE. Importanti daqsha huwa l-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili<sup>(1)</sup> stabbilit fl-2001 u aktar tard riformat<sup>(2)</sup> sabiex jipprovdu rispons mgħaġġel għal diżastri li jstgħu jiġru fl-Istati Membri jew pajjiżi terzi.

### 3. Miżuri preventivi

3.1 Il-prevenzjoni hija fattur essenzjali fil-ħarsien u l-konservervazzjoni ta' l-ambjent, u sabiex ikun evitat li ssir ħsara kontra ċittadini. L-għan huwa li jintużaw riżorsi naturali b'mod sostenibbli. Dak li ġie mbassar fir-rigward it-tnaqqis u t-telfien fuq skala wiesgħa tal-bijodiversità issa qed iseħħ, u sa punt li jmur lil hinn mill-previżjonijiet l-iktar pessimisti. Meta nżidu l-intervent uman, ta' sikwit apposta, illum insibu ruħna niffaċċjaw diżastri rikorrenti li, għalkemm naturali, mhumiex normali, minħabba l-frekwenza tagħhom u qabel xejn l-iskala ta' l-impatt li jkollhom.

3.2 Il-miżuri preventivi li ser jissemmew f'din l-Opinjoni huma dawk koperti mil-leġislazzjoni attwali — fi kliem ieħor, kellhom jiġu implimentati u monitorjati mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru. B'mod ġenerali, xi diżastri jstgħu jiġu evitati, jew minimizzati, u għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li għandu jkun hemm kondizzjonijiet simili għall-ħarsien ambjentali madwar l-UE, permezz ta' konformità mar-regolamenti fis-seħħ.

3.2.1 Wieħed mill-istrumenti legali li kellu l-ikbar impatt fil-prevenzjoni tad-diżastri naturali jirrigwarda t-tniġġis ta' l-ibħra u l-oċeani bl-idrokarburji. L-istrument ikopri kundizzjonijiet tat-trasport (bastimenti b'buq doppju) iżda wkoll il-miżuri marittimi fil-pakketti Erika I u II, li kellhom suċċess biex inaqqsu l-effetti ta' dawn id-diżastri.

3.3 Ir-riċerka ambjentali hi marbuta mal-kwistjoni ta' prevenzjoni, u l-KESE diġà sejjaħ għal koordinazzjoni aħjar u akbar bejn il-programmi tar-riċerka u dawk ambjentali<sup>(3)</sup>, sabiex il-fondi tar-riċerka jstgħu jiġu allokati għal riċerka ambjentali pratika.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom.

<sup>(2)</sup> Qabel, kien hemm programm ta' azzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, stabbilit minn Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE tad-9 ta' Diċembru 1999, u riformat mir-Regolament tal-Kunsill 2005/52 tas-6 ta' April 2005. Fit-8 ta' Novembru 2007, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju tal-protezzjoni ċivili (riformulat).

<sup>(3)</sup> Opinjoni CESE 578/2003, ĠU C 208 tat-3 ta' Settembru 2003, pġ. 16-22.

3.4 Il-prevenzjoni hija marbuta wkoll mat-taħriġ u t-tagħrif, mhux biss għat-timijiet tal-protezzjoni ċivili iżda għall-pubbliku in ġenerali, sabiex kull każ ta' intervent ikun iktar effettiv meta jseħħ diżastru naturali. Il-promozzjoni u l-għarfien ta' politiki ambjentali għandhom jiżiedu fl-Istati Membri kollha, u dawn il-politiki għandhom jiġu mgħallma fl-iskejjel, u mhux biss fl-universitajiet.

### 3.5 Miżuri għall-prevenzjoni ta' l-għargħar

3.5.1 L-ewwel qasam li ser jiġi kopert huwa l-ilma. L-ilma ta' spiss huwa l-każ ta' diżastri naturali, mhux biss bl-għargħar, it-tsunamis u fenomeni oħrajn tal-baħar, iżda wkoll minħabba l-iskarsità tagħha<sup>(4)</sup>, li tista' twassal għal bidliet kbar, per eżempju d-deżertifikazzjoni ta' biċċiet kbar tan-nofs in-nhar ta' l-Ewropa.

3.5.2 Minn dejjem kien jinħass in-nuqqas ta' xi ħaġa fid-Direttiva Qafas ta' l-Ilma<sup>(5)</sup>: l-istabbiliment ta' objettiv rigward il-prevenzjoni, il-protezzjoni u kemm aħna lesti għal għargħar. Meta wieħed jikkonsidra n-numru kbir ta' diżastri li għaww f'inqas minn għaxar snin u l-ħafna nies li sfaw vittmi tagħhom, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni u proposta għal Direttiva<sup>(6)</sup> sabiex jiġu regolati l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji ta' għargħar, billi tipproponi analiżi tas-sitwazzjoni u r-riskji futuri, u pjan ta' azzjoni u prevenzjoni konġunt madwar l-UE.

3.5.3 L-għargħar qed jiżiedu fl-UE minħabba żewġ raġunijiet prinċipali: l-ewwel, huwa fatt ġeneralment aċċettat li l-bidla fil-klima għandha impatt fuq l-intensità u l-frekwenza ta' l-għargħar madwar l-Ewropa<sup>(7)</sup>, u r-raġuni parzjali hija x-xita torrenzjali irregolari u l-livell tal-baħar li potenzjalment ser jitla'; it-tieni, l-attività tal-bniedem, bħax-xogħol ta' kostruzzjoni fix-xmajjar u proġetti sabiex l-ilma tax-xmajjar jiġi devjat u kkanalizzat, kif ukoll attivitajiet oħra li jissiġġillaw il-ħamrija u b'hekk inaqqsu l-kapaċità naturali tan-natura biex iżżomm ammonti eċċessivi ta' ilma meta jkun hemm għargħar, u dan kollu jsir mingħajr miżuri li jevalwaw l-impatt ambjentali u joffru rimedju għal dan l-impatt. Ir-riskji qed jiżiedu wkoll fis-sens li l-ħsara li jikkawża l-għargħar qiegħda tiżdied peress li iktar u iktar nies qed jibnu djar f'żoni fejn ir-riskju ta' għargħar huwa għoli.

3.5.4 F'konformità mal-pożizzjoni preċedenti tiegħu<sup>(8)</sup>, il-KESE huwa tal-fehma li l-miżuri stipulati fid-Direttiva dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-għargħar għandhom

<sup>(4)</sup> COM(2007) 414 finali — Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tindirizza l-isfida ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u l-perjodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea.

<sup>(5)</sup> ĠU L 327 tat-22 ta' Diċembru 2000, pġ. 72.

<sup>(6)</sup> Komunikazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar — Prevenzjoni, protezzjoni u mitigazzjoni ta' l-għargħar COM(2004) 472 finali, ĠU C 221 of 8.9.2005, pġ. 35.

Proposta għal Direttiva dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-għargħar COM (2006) 15 finali tat-18.1.2006. Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23.10.2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-għargħar, ĠU C 195 tat-18.08.2006, pġ. 37.

<sup>(7)</sup> Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) — Rapport tal-Grupp ta' Ħidma II "L-impatti, l-adattament u l-vulnerabilità"

<sup>(8)</sup> Ara nota 6.

jitwettqu. L-aċċettazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-posta tal-KESE (fl-Opinjoni tiegħu dwar il-komunikazzjoni ta' l-2004) sabiex miżuri dwar l-għargħar jiġu inkorporati fl-implimentazzjoni tad-WFD tgħin favur il-promozzjoni ta' l-inklużjoni ta' pjanijiet dwar il-ġestjoni ta' l-għargħar fil-pjanijiet dwar il-ġestjoni tal-baċiri tax-xmajjar, u b'hekk ikun żgurat li l-azzjoni neċessarja tkun ippjanata għall-baċir kollu u jittieħdu miżuri effettivi mill-awtoritajiet kompetenti kollha (lokali, statali u transnazzjonali).

3.5.5 Il-KESE jtenni wkoll li għandha titwettaq valutazzjoni preliminarja tar-riskji ta' għargħar għal kull baċir, fejn jiġi evalwat liema żoni huma suxxettibbli għall-għargħar, sabiex tkun tista' tiġi mfassla mappa ta' intervent li tiffaċilita miżuri preventivi, b'mod partikulari fir-rigward tar-riforestazzjoni u l-afforestazzjoni taż-żoni muntanjużi, il-ħarsien ta' l-artijiet mistagħdra u ekosistemi relatati. F'dan il-kuntest, huwa importanti għas-soċjetà ċivili li tkun informata u involuta, peress li dan jgħin sabiex il-miżuri ta' prekawzjoni ikunu iktar faċli.

### 3.6 Miżuri għall-prevenzjoni tan-nirien

3.6.1 Il-politiki ta' prevenzjoni għandhom bżonn jissaħħu. Għalkemm il-prevenzjoni essenzjalment hija r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri, il-Komunità tista' tgħin biex jevitaw jew inaqqsu l-impatt ta' diżastri naturali, inklużi nirien tal-foresti.

3.6.2 Il-Komunità għandha tkompli tikkunsidra firxa ta' miżuri, mit-tqajjim tal-kuxjenza pubblika sal-ġestjoni ta' l-art. Miżuri bħal dawn jista' jkollhom effetti pożittivi oħrajn, per eżempju li jgħin fl-adattament għall-bidla fil-klima.

3.6.3 Meta wieħed iqis il-modi kif jaġixxu ma' xulxin is-setturi differenti, għandu jittieħed approċċ integrat. L-iżvilupp urban li jaffettwa żoni li tradizzjonalment jintużaw għall-forestrija mhux biss iżid ir-riskju ta' nirien u b'hekk, għall-qerda ambjentali, iżda jista' jfisser ukoll li tiġi kkunsidrata l-evakwazzjoni ta' l-abitanti u mhux it-telf tal-foresti.

3.6.4 L-istrumenti finanzjarji varji ta' l-UE disponibbli bħala appoġġ għall-isforzi ta' prevenzjoni ta' l-Istati Membri għandhom jiġu riveduti u aġġornati, sabiex mhux biss ikunu konformi mas-sitwazzjoni attwali, iżda wkoll sabiex jinstabu sinerġiji bejn l-istrumenti differenti bil-għan li jiġu protetti b'mod iktar effettiv il-ħajja u l-ambjent, kif ukoll il-wirt kulturali. Fejn jingħataw fondi Komunitarji għall-irkupru min-nirien tal-foresti jew għall-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa juru li ser jiġu implimentati miżuri sodi għall-prevenzjoni tan-nirien.

3.6.5 B'mod simili, il-Kummissjoni għandha tkompli tippromovi l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza bejn l-Istati Membri, sabiex jiżguraw li Prattiki tajbin jinqasnu b'mod wiesa'. Id-differenzi bejn sitwazzjonijiet f'pajjiżi differenti għandhom jitqiesu, u għandha tissaħħaħ l-azzjoni tal-gruppi reġjonali.

3.6.6 Miżuri ta' prevenzjoni għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet legali relatati mar-responsabbiltà ċivili u kriminali ta' dawk li jikkawżaw in-nirien, kemm intenzjonalment kif ukoll aċċidentalment.

## 4. Protezzjoni ċivili

4.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li t-Trattat ta' Lisbona<sup>(9)</sup> jintroduċi artikolu ġdid, 176 C, li permezz tiegħu l-protezzjoni ċivili hija stabbilita bħala mezz kif "għandha tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex issaħħaħ l-effettività ta' sistemi ta' prevenzjoni ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem u ta' protezzjoni minnhom". Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-għan m'huwiex biss li jiġu appoġġjati l-Istati Membri, iżda wkoll li jiġu armonizzati l-azzjonijiet li jittieħdu fil-livell internazzjonali mill-UE.

4.2 Il-qafas li jirregola l-azzjoni favur il-protezzjoni ċivili jikkonsisti minn żewġ strumenti: il-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni ċivili u l-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni ċivili<sup>(10)</sup>. Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni għall-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni ċivili huwa bbażat fil-Kummissjoni Ewropea u jopera 24 siegħa kuljum. Għandu database dwar is-servizzi tal-protezzjoni ċivili f'kull Stat Membru, li jinkorpora d-data mid-databases militari, li huma utli ħafna. Iċ-Ċentru jamministra wkoll programmi Komunitarji dwar l-istat ta' preparazzjoni, inklużi programmi ta' taħriġ u eżerċizzji.

4.3 F'dawn l-aħħar snin, l-esperjenza wriet kemm hija importanti l-ħidma ta' koordinazzjoni taċ-ċentru — in-nirien reċenti li kien hemm f'Greċja juru dan. Madankollu, għad hemm lok għal titjib, u għalhekk il-KESE sejjaħ għal żjieda fil-baġit tiegħu sabiex ikollu iktar riżorsi ta' kwalità ogħla għal ħidmietu. Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni jista' jsir ċentru operazzjonali ġenwin b'aktar persunal sabiex ikun jista' janticiċipa b'mod pro-attiv l-iżvilupp ta' kriżi, jimmonitorja l-iżvilupp tagħhom, jorganizza attivitajiet sabiex jitjeb l-istat ta' preparazzjoni, u jiffaċilita u jikkoordina l-għajnuna ta' l-UE għall-protezzjoni ċivili fl-UE u barra minnha.

4.4 Sabiex jintlaħaq stat ta' preparazzjoni aħjar fil-każ ta' diżastri kbar, huwa neċessarju li jissaħħu l-isforzi ta' l-UE fil-qasam tat-taħriġ u l-eżerċizzji fil-protezzjoni ċivili. Dan il-għan jista' jintlaħaq l-aħjar billi jiġi żviluppjat Istitut ta' Taħriġ Ewropew għall-Protezzjoni ċivili li jorbot iċ-ċentri nazzjonali ta' kompetenza. Proposti għall-ħolqien ta' netwerk strutturat bħal dan għandhom jiġu eżaminati b'mod urġenti mill-Istituzzjonijiet Ewropej.

4.5 Sistemi ta' twissija bikrija jeżistu l-iktar għall-ikbar perikli naturali fl-Ewropa iżda hemm nuqqas sinifikanti ta' sistemi simili għal tsunamis. In-nuqqas ta' sistemi ta' allarm komuni u protokoll huwa ta' tħassib kbir meta wieħed iqis il-mobilità dejjem tiżdied taċ-ċittadini madwar l-Ewropa u f'pajjiżi terzi.

<sup>(9)</sup> ĠU C 306 tas-17.12.2007.

<sup>(10)</sup> Barra minn hekk, xi Stati Membri waqqfu istituti sabiex jinvestigaw u jipprovdur informazzjoni dwar diżastri naturali. Dawn l-istituti jaqdu rwol ewlieni fil-prevenzjoni ta' dawn id-diżastri.

4.6 It-titjib li gābet il-Kummissjoni fl-2005 għen sabiex il-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili ikun aktar effettiv fl-UE, u ppermetta li jaġixxi bħala strument favur solidarjetà inter-reġjonali u internazzjonali. Konsegwentement, għandu jsir kull sforz possibbli sabiex jingħata rispons malajr kemm jista' jkun u effettiv għal kull tip ta' diżastru. Dan jirrikjedi proċeduri definiti minn qabel jew pjanijiet ta' assistenza li f'kull każ għandhom jiġu testjati permezz ta' eżerċizzji, u aġġornati skond l-esperjenza miksuba minn dawn l-eżerċizzji.

4.7 Il-pjanijiet għandhom jinkludu komunikazzjonijiet bis-satellita, mapep aġġornati u riżorsi xierqa sabiex tintlaħaq kkoordinazzjoni sodisfaċenti. Dawn ir-riżorsi kollha għandhom ikunu fidejn l-UE. Dawn il-pjanijiet għandhom jistabbilixxu standard li jsaħħaħ ir-reputazzjoni ta' solidarjetà u effettività ta' l-UE fil-livell internazzjonali.

4.8 Ir-riformulazzjoni tal-mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili tagħti dispożizzjoni għall-ħolqien mill-Istati Membri ta' moduli għall-protezzjoni ċivili magħmula mir-riżorsi nazzjonali. Dan għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' forza għal reazzjoni rapida ta' l-UE fil-każ ta' diżastri kbar. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jħarrġu dawn il-moduli b'mod urġenti, u l-prijorità għandha tkun fil-qasam tat-tifi ta' nirien. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-moduli jkunu disponibbli għal użu malajr fil-każ li jiġi attivat il-mekkaniżmu Komunitarju.

4.9 Diżastri reċenti wrew li minkejja s-solidarjetà ta' l-UE, ir-riżorsi mobilizzati mhux dejjem huma adegwati. Issa huwa urġenti li titwettaq analiżi msejsa fuq xenarji ta' diżastri sabiex jiġu identifikati nuqqasijiet. Fejn evalwazzjonijiet bħal dawn juru li ċerti riżorsi m'humiex disponibbli b'mod suffiċjenti fl-UE, jew li r-riżervi ta' riżorsi Ewropej għall-protezzjoni ċivili jistgħu jiksbu vantaġġi f'termini ta' effettività u effiċjenza fir-rigward l-ispiża, l-UE għandha tiżvilupp dawn ir-riżervi ta' riżorsi.

4.10 Barra minn hekk, timijiet ta' evalwazzjoni u koordinaturi ta' l-UE għandhom jiġu kkonsultati dwar l-irkupru taż-żona milquta, peress li l-għarfien professjonali tagħhom jaf ikun utli għar-riabilitazzjoni. Dan għandu jgħin sabiex ma ssir attivitá spekulattiva, fatt li sfortunatament jiġri wara xi nirien.

4.11 Meta jkun hemm bżonn ta' azzjoni fpajjiżi li mhumiex fl-UE, interventi mill-mekkaniżmu għandhom jitqiesu bħala parti integrali tal-politika barranija u l-għajnuna umanitarja ta' l-UE, u meġjusa bħala evidenza tas-solidarjetà Ewropea mal-pajjiżi kkonċernati.

4.12 Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi definit ir-rwol kooperattiv li l-organizzazzjonijiet umanitarji għandu jkollhom fil-protezzjoni ċivili. Operazzjonijiet barra mill-UE għandhom jiġu kkoordinati mis-sħab fl-għajnuna umanitarja li jaħdmu skond mandat speċifiku, bħan-Nazzjonijiet Uniti, il-Moviment tas-Salib l-Aħmar/tan-Nofs Qamar Aħmar, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-NGOs.

## 5. Responsabbiltà ambjentali

5.1 Huwa importanti li wieħed jinnota li leġislazzjoni dwar prevenzjoni ma jkollhiex l-effett mixtieq fuq il-ħsara kkawżati mid-diżastri naturali. Kien hemm dewmien eċċessiv

fl-istabbiliment ta' sistema legali għar-responsabbiltà ambjentali<sup>(1)</sup> u l-leġislazzjoni ambjentali kriminali<sup>(2)</sup> għadha fl-istadju tat-tieni abbozz.

5.2 Il-liġijiet nazzjonali f'dan il-qasam ivarjaw ħafna, u dan jista' joħloq distorsjoni fil-leġislazzjoni rilevanti. Fil-prattika, m'hemmx armonizzazzjoni ta' l-UE fil-qasam tar-responsabbiltà ambjentali, u m'hemmx dispożizzjonijiet ġeneralizzati għat-tiswija jew it-tnaddif taż-żoni affettwati minn diżastri naturali, peress li dan m'huwiex il-mandat tal-liġi ta' l-UE. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" m'huwiex applikabbli fhafna reġjuni ta' l-UE.

5.3 Fatturi oħrajn jistgħu jkunu involuti wkoll, per eżempju ċertu ta' tip ta' ħsara jaffettwa iktar minn pajjiż wieħed, li jfisser li sistemi differenti tal-liġi għandhom jiġu applikati. Is-separazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti mil-livell lokali sa dak nazzjonali hija problema ewlenija wkoll, meta wieħed iqis li dawn l-awtoritajiet jistgħu jkunu involuti wkoll fit-tiswija, u peress li din tikkawża kunflitti meta jasal il-waqt li tiġi inforzata r-responsabbiltà.

5.4 L-ambitu tal-leġislazzjoni dwar ir-responsabbiltà, kif stipulat fid-Direttiva, jiffoka fuq il-prevenzjoni jew it-tiswija ta' ħsara ambjentali, skond il-liġijiet fis-seħħ fl-UE, relatata mal-bijodiversità, it-tniġġis ta' l-ilma u l-ħamrija, u huwa definit l-iktar, iżda mhux b'mod esklussiv, permezz ta' referenza għal-leġislazzjoni Komunitarja attwali. Għalhekk huwa importanti li jiġi enfasizzat li huma biss każijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità mal-liġijiet fis-seħħ u li huma elenkati fl-Anness III tad-Direttiva li jkunu jistgħu jsiru talbiet dwar responsabbiltà kontra dawk ħatja mill-ħsara.

5.5 L-ewwel skema ta' responsabbiltà tapplika għall-attivitatijiet okkupazzjonali perikolużi jew li huma potenzjalment perikolużi elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Dawn huma l-iktar attivitatijiet agrikoli jew industrijali li jesigū liċenzja taħt id-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis, attivitatijiet li jarmu metalli tqal fl-ilma jew fl-ajru, installazzjonijiet li jiproduċu sustanzi kimiċi perikolużi, attivitatijiet għall-ġestjoni ta' l-iskart (inklużi miżbliet u inċineraturi) u attivitatijiet li jikkonċernaw organiżmi modifikati ġenetikament u mikro-organiżmi. Skond din l-ewwel skema, l-operatur jista' jitqies responsabbli anke jekk ma kellux tort. It-tieni skema ta' responsabbiltà tapplika għall-attivitatijiet okkupazzjonali kollha barra dawk elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, iżda biss fejn hemm ħsara, jew it-theddida imminenti ta' ħsara, għal speċijiet jew abitazzjonijiet naturali protetti mil-leġislazzjoni Komunitarja. F'dan il-każ, l-operatur jitqies responsabbli biss jekk kellu tort jew kien traskurat. Id-Direttiva tagħti wkoll dispożizzjoni għal ċertu numru ta' eżenzjonijiet mir-responsabbiltà ambjentali.

<sup>(1)</sup> Direttiva dwar ir-responsabbiltà ambjentali fir-rigward tal-prevenzjoni u r-rimedju tal-ħsara ambjentali.

<sup>(2)</sup> L-ewwel Proposta għal Regolament saret fl-2001, u ġiet irtirata mill-Kunsill. Aktar tard, il-KESE ġie kkonsultat dwar proposta ġdida (COM (2007) 51 finali — 2007/0022 (COD)), li tiddefendi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Settembru 2005, kkonfermata minn sentenza oħra tas-27 ta' Ottubru 2007, dwar l-awtorità tal-Kummissjoni sabiex toħloq leġislazzjoni dwar reati ambjentali.

5.6 Hemm żewġ modi kif il-ħsara tista' tisewwa. Jew l-operatur jieħu l-miżuri meħtieġa ta' restorazzjoni, li jkunu ffinanzjat direttament mill-opeatur, jew l-awtorità kompetenti jista' jieħu l-miżuri implimentati minn parti terza u tirkupra l-ispejjeż minn dak li għamel il-ħsara. Kombinazzjoni taż-żewġ approċċi hija possibbli wkoll fl-interess ta' effettività akbar.

5.7 Meta hemm iktar minn parti waħda responsabbli għall-ħsara, id-Direttiva tħalli fidejn l-Istati Membri jiddeċiedu kif jaqsmu l-ispejjeż. Iż-żewġ għażliet ewlenin huma responsabbiltà konġunta jew responsabbiltà apporzjonata. Waqt li din is-sis-

tema doppja għandha l-għan li tiffaċilita l-adattament għas-sistemi legali ta' l-Istati Membri, minkejja dan għandu jiġi rimarkat li l-istabbiliment tal-proporzjon ta' ħsara ambjentali huwa diffiċli ħafna, li jfisser li l-implimentazzjoni ta' din is-sistema fil-prattika hija diffiċli ħafna.

5.8 Fl-aħħar nett, għandu jkun enfazzat li r-rekwiżit ta' sigurtà finanzjarja għall-operaturi suġġett għal leġislazzjoni dwar l-ilma, il-ħamrija u l-bijodiversità jgħin sabiex it-tiswija tkun iktar effettiva, waqt li jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi ta' falliment.

Brussell, it-13 ta' Marzu 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tintroduċi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2008/C 204/16)

Nhar is-27 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni proprja dwar

*Il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tintroduċi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta' Frar 2008. Ir-rapporteur kienet is-Sinjura Roksandić, il-ko-rapporteur kien is-Sur Almeida Freire.

Matul l-443 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-12 u t-13 ta' Marzu 2008 (seduta tat-12 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'118-il vot favur, 56 vot kontra u 7 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jesprimi d-diżappunt tiegħu għall-fatt li ma ntablx jagħti opinjoni dwar id-direttiva proposta li ttiprovdi "sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali", għalkemm fl-introduzzjoni tad-direttiva hemm imniżżel li dan sar. Bħala regola ġenerali, id-direttiva proposta m'hiex parti mill-oqsma ta' konsultazzjoni obligatorja tal-Kumitat, madankollu dan jemmen li huwa neċessarju li r-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu kkonsultati f'kwistjonijiet bħal dawn u f'każijiet relatati minħabba li dawn jirrigwardaw ir-regolamentazzjoni ta' oqsma prinċipali li mhux biss huma parti mill-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, iżda wkoll għandhom impatt fuq l-impjeg u l-politika soċjali.

1.2 Il-KESE għalhekk iddeċieda li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar din il-proposta għal direttiva. Huwa jemmen li s-soċjetà ċivili organizzata, u speċjalment l-imsieħba soċjali,

għandhom rwol importanti ħafna x'jaqdu fit-thejġija u fl-implimentazzjoni tad-direttiva tal-Kummissjoni Ewropea li ttiprovdi sanzjonijiet kontra dawk li jħaddmu ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali.

1.3 Fl-opinjoni adotatti s'issa <sup>(1)</sup>, il-Kumitat enfazzza l-bżonn li tittieħed azzjoni simultanja sabiex jinħolqu opportunitajiet għal immigrazzjoni legali u jiġu ffaċċjati l-kawżi ta' l-immigrazzjoni "irregolari".

<sup>(1)</sup> Ara wkoll l-opinjoni tal-KESE tal-15.12.2004 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni — Studju dwar ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni legali u illegali, rapporteur: is-Sur Pariza Castaños (ĠU C 157, 28.6.2005) (mhux disponibbli bil-Malti). Ara l-opinjoni tal-KESE tad-9.6.2005 dwar Il-Green paper dwar approċċ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni ekonomika, rapporteur: is-Sur Pariza Castaños (ĠU C 286, 17.11.2005).

Ara wkoll l-opinjoni tal-KESE tal-15.12.2005 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew: Il-Programm ta' l-Aja: Għaxar prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin — L-isħubija għal tiġdid Ewropew fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, rapporteur: is-Sur Pariza Castaños (ĠU C 65, 17.3.2006) (mhux disponibbli bil-Malti).